MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 56/2003

**Infomate Limited**

**vs**

**Excell Catering Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba t'elef u tliet mija u erbatax il-Liri Maltin (Lm4314) rappresentanti kambjalijiet importi u skaduti, ezebiti mal-avviz u mmarkati bhala dokument A sa L inkluzi, li baqghu ma thallsux nonostante li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallashom.

Bl-ispejjez inkluz dak ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Novembru 2002 li kienu ta' Lm5.50 u bl-imghax legali sal-

pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anessi kambjalijiet markati minn Dok A sa Dok L u li jinsabu minn fol 2 sa fol 13 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-18 ta' Gunju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4314.00,0 bl-imghax legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala annessa mal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Novembru 2002 ammontanti ghal Lm5.50,0 skond kif specifikati fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------